**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 219 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Ryan Ellul**

Illum, 9 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ryan Ellul detentur tal-karta ta' l-identita 407387(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-24 ta' Mejju, 2020, ghall-habta ta' 2100hrs u fi granet ta' qabel gewwa Edera Court, Flat 9, Triq is-Settembrina Ghaxaq,

1. Ghamilt ingurji jew theddid lill-Dorianne Ellul, jew jekk kont ipprovokat, ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Dorianne Ellul.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 t'Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 13 u 339(l)(e), sabet lill-imputat Ryan Ellul hati u ikkundannatu ghall-hlas t' ammenda ghas-somma ta' hamsin (€50) Euro.

Rat ir-rikors tal-appellanti Ryan Ellul minnu pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara l-esponenti mhux ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tiegħu.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**Illi l-aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti hekk kif ser jiġu elaborati aktar 'l quddiem;**

1. **Il-Post fejn fih ġie akkużat l-esponenti qatt ma daħal fih**

Illi l-esponenti ġie akkużat illi daħal ġewwa l-fond imsemmi hawn fuq ċioè ġewwa Edera Crt, fl 9, Triq is-settembrina, Għaxaq u dan ma rriżulta qatt la mix-xhieda tiegħu u di più ġie kkonfermat mill-kwerelanta stess.

2. **L-imputat ġie sentenzjat illi huwa effettivament daħal ġewwa l-fond fuq imsemmi mhux biss Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) iżda wkoll fi ġranet ta' qabel.**

Illi l-esponenti umilment jissottometti 'lli dan ġie kontradett mill-kwerelanta stess stante 'lli mix-xhieda dedotta minnha stess intqal illi fil-ġranet ta' qabel huwa kien qiegħed fuq xogħol barra minn xtutna fuq vapur bħala kaptan, f'kuntatt dirett mal-Immigranti sabiex jissalvaw u jidħlu Malta.

**Osservazzjonijiet**

Illi dan huwa appell interpost fuq bażi tal-imputazzjoni kif dedotta fil-komparixxi.

Il-komparixxi għandha jkolla dak redatt fl-artikolu 360(2) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas illi ma jwassalx għall-istess skop intenzjonat mill-parti leża f'dak li jirrigwarda jew il-lok, jew il-ħin u/jew post, mela allura l-imputazzjoni ma tista' tissussiti qatt. Dan mhux żball jew aħjar *lapsus,* il-komparixxi tippreżenta lill-imputat taħt kontravenzjoni f'lok partikolari li hu, bil-ġurament tal-kwerelanta qatt ma daħal f'dan il-post.

Issa dan mhux qed jintuża b'konvenjenza mill-appellant wara li ġiet deċiża l-kawża, anzi, dan il-punt ġie eċċeppit mid-difiża stess waqt li l-porvi tal-prosekuzzjoni kienu għadhom miftuħa. Lill-kwerelanta ġie mistoqsi mhux darba jekk l-appellant qattx daal għandha u hi insistiet li ma daħalx.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tad-19 ta Jannar 2021, limitatament dwar in-nulita taghha kif sollevata mid-difiza fir-rikors tal-appell taghha.

Ikkunsidrat,

Din il-kawza tirrigwarda rapport li sar minn Dorianne Ellul dwar l-appellant li huwa missier binha fejn allegatament kien irrabja, offendiha u ghajjarha meta mar jigbor lil ibnu fil-gurnata meta ma kienx skedat access ghat-tifel mill-missier. L-appell huwa bbazat fuq kif inhi redatta l-komparixxi.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li waqt li kienet qieghda taqra s-sentenza appellata, innutat li l-Qorti fil-parti disposittiva ghalkemm indikat l-artikoli tal-ligi li tahthom kienet qieghda ssib htija, naqset milli tindika il-Kapitolu tal-ligi. Filfatt il-parti disposittiva taqra kif isegwi:

'*Il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 13 u 339(1)(e), qed issib lil imputat Ryan Ellul hati u tikkundannah ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' hamsin (€50) Euro.*'

Ghalhekk minkejja li l-Qorti fis-sentenza appellata fil-parti dedikata ghal l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat indikat '(Kap 9, Artiklu 339(1)(e))', fil-parti dispositiva naqset milli tindika l-Kapitolu tal-ligi rigwardanti l-imsemmija artikoli. Jirrizulta li anke fil-verbal tas-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) meta l-Qorti iddeciediet is-sentenza tnizzel li '*Il-Qorti wara li semghet x-xhieda u trattazzjoni tal-partijiet qed isib lill-imputat hati wara li rat Artikol 7, 13, 339(1)(e) qed timmulta lill-imputat b'ammenda ghas-somma ta' 50 ewro.*' Jirrizulta ukoll li fil-komparixxi l-Prosekuzzjoni indikat '*ART 339(1)e KAP 9*' filwaqt li fin-notamenti tal-Qorti fuq l-istess komparixxi tnizzel '*Hati, Artikoli 7, 13, 339(1)(e). Ammenda €50 Hamsin Ewro*'. Din il-Qorti sejra ghalhekk *ex officio* tistharreg jekk il-fatt li l-Qorti fil-parti dispositiva ma ndikatx il-Kapitolu tal-Lgi ta' Malta iwassalx ghan-nullita tas-sentenza appellata.

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena **u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat**.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[1] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"**[2] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "**[3]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"**[4] u ohrajn.)* (Dettalji tas-sentenzi citati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri'**[5] annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

*'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m'ghadux*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 1994
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Gunju, 1995
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2008 (Appell Kriminali numru: 420/2007)

*vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f'Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.*

*Ikkonsidrat;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l- Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'</u>**[6] ikkunsidrat:

*'Illi meta l-Qorti, kif taghmel dejjem, giet biex tistudja l-process, osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti, minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkunsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-<u>piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell numru: 336/2005)

*fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[7] gie kkunsidrat li:

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[8] u ohrajn)* (Emfazi u sottolinear mizjud u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

Ikkunsidrat;

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jindika li l-Qorti meta taghti s-sentenza ghandha ***'ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'***. Din il-Qorti tinterpreta din il-parti tad-disposizzjoni tal-ligi bhala li tfisser li l-Qrati anke meta jindikaw artikoli mill-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom specifikament isemmu l-Kapitolu tal-ligi. Ghalhekk il-fatt li l-Qorti naqset milli tindika l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-parti disposittiva jammonta ghal zball, liema izball sollevat *ex officio* minn din il-Qorti irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla anke jekk wiehed jista' jissaponi li l-Kapitolu relevanti huwa l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma huwiex bizzejjed li l-Qorti tindika l-artikoli tal-ligi li tahtu tkun qieghda ssib htija, izda jehtieg li ssemmi l-Kapitolu tal-Ligi minn fejn jemanu l-imsemmija artikoli tal-ligi. Gialadarba il-kawza hija bbazata fuq il-kredibilita ta' parti jew ohra, din il-Qorti tqis li sabiex jigi rispettat id-dritt tad-*doppio esame*, ghandha tibghat l-atti lura lill-

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005

Ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid. Ghaldaqstant, din il-Qorti mhijiex sejra tqis l-aggravji mressqa mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qieghda tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur